TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 311/10

**Kristian Muscat**
**vs**
**Envy**

Illum 14 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 t'Awwissu , 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija u għaxar ewro (€110), rappreżentanti ċurkett ta' Dolce & Gabbana li nqala' biċċa minnu wara xahar.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda m'attendiex għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara ċurkett ta' Dolce & Gabbana u nqalgħetlu id-D & G li kellu mwaħħla fuqu, illi minkejja li ħadha għat-tiswija xorta ma setgħetx tittranġa.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet li m'hemmx garanzija fuq il-fosos u li dan żgur ma kienx difett tal-manifattura imma riżultat ta' użu abbużiv jew esaġerat.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi din il-fossa nqalgħet ftit ġimgħat wara.

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat debitament notifikat kemm bl-avviż tat-talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta minkejja li ssottometta risposta bil-miktub.

It-Tribunal mhuwiex konvint illi ċ-ċurkett ġralu hekk b'riżultat ta' l-użu, imma inferjuri.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tmenin ewro (€80), b'dan illi ċ-ċurkett jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070, FAX: (+356) 21239888